**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000024/2022**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura
**Kathleen Van Brempt**
f'isem il-Special Committee on the COVID-19 pandemic: lessons learned and recommendations for the future
**Pascal Canfin**
f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Suġġett: COVID-19 – Sostenn tal-Istat tat-Tħejjija u r-Rispons tal-UE: Ħarsa 'l quddiem

Il-Kummissjoni adottat il-komunikazzjoni tagħha dwar il-COVID-19 – Sostenn tal-Istat tat-Tħejjija u r-Rispons tal-UE: Ħarsa 'l quddiem fis-27 ta' April 2022. Il-Komunikazzjoni tippreżenta approċċ għall-ġestjoni tal-pandemija fix-xhur li ġejjin, u timxi minn stat ta' emerġenza għal sitwazzjoni aktar sostenibbli. Tistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiżviluppaw azzjonijiet ewlenin biex jipproteġu s-saħħa pubblika, filwaqt li jżommu lis-soċjetà u l-ekonomija miftuħa u reżiljenti.

B'kunsiderazzjoni ta' dan:

1. Il-Kummissjoni kif se tiżviluppa strateġija kkoordinata għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' vaċċini kontra l-COVID-19 tul il-katina tal-valur kollha? Il-Kummissjoni kif se tiżgura distribuzzjoni ġusta tal-vaċċini u t-terapiji, kif ukoll it-trasparenza ta' kwalunkwe strateġija futura dwar il-vaċċini u t-terapiji? L-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa kif qed tikkontribwixxi għal miżuri fuq terminu medju u twil, u kif se tippromwovi r-riċerka Ewropea pubblika għall-vaċċini u t-trattamenti? Kif se jitqiesu l-istudji ffinanzjati mill-UE u dawk indipendenti?

2. Il-Kummissjoni kif se tiżgura li l-Istati Membri jintegraw b'suċċess il-vaċċini kontra l-COVID-19 fil-programmi nazzjonali tagħhom tat-tilqim u kif se tindirizza l-kwistjonijiet li jirriżultaw mis-surplus tal-vaċċini? Kif se tiżgura li s-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali tal-Istati Membri jkollhom il-kapaċità u l-provvisti biex jimmaniġġjaw każijiet ta' COVID-19 li qed jiżdiedu u mard ieħor li jista' jagħmel pressjoni fuq is-sistemi, filwaqt li jipproteġu l-aktar gruppi vulnerabbli?

3. Il-Kummissjoni kif se timmonitorja u tiżgura li l-Istati Membri jnaqqsu u jipprevjenu l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni dwar il-COVID-19 u kwalunkwe pandemiji futuri? Il-Kummissjoni kif se tqis it-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li tantiċipa xenarji ta' pandemija futuri?

4. Liema aspetti konkreti tas-sistemi ta' sorveljanza skont l-approċċ Saħħa Waħda għall-patoġeni transfruntiera se jiġu kkunsidrati?

Imressqa: 20.6.2022

Skadenza: 21.9.2022